

Brussell, 25 ta' Novembru 2015
(OR. en)

14201/15

RECH 278

NOTA

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.:	13930/15 RECH 272
Suġġett:	Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-integrità tar-riċerka - <i>Adozzjoni</i>

1. Il-Presidenza Lussemburġiża tqis l-integrità tar-riċerka bħala waħda mill-ogħla prijoritajiet tagħha fil-qasam tar-R&I. F'dan il-kuntest, il-Presidenza pproponiet abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kwistjoni. L-abbozz ta' Konklużjonijiet ġie diskuss fil-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka fil-5 u s-26 ta' Ottubru u fil-5 ta' Novembru 2015.
2. Fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Novembru 2015, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti eżamina dan l-abbozz ta' Konklużjonijiet, solva l-kwistjonijiet miftuħa pendenti u qabel li jibgħat l-abbozz ta' Konklużjonijiet lill-Kunsill (Kompetittività) tat-30 ta' Novembru u l-1 ta' Diċembru 2015 għall-adozzjoni. PL għandha riżerva ta' skrutinju ġenerali fuq it-test, wara l-elezzjonijiet nazzjonali reċenti (kif indikat fin-nota f'qiegħ il-paġna fl-anness għal din in-nota).
3. Għaldaqstant, il-Kunsill (Kompetittività) hu mistieden jadotta l-Konklużjonijiet kif jinsabu fl-anness għal din in-nota.

**ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR L-INTEGRITÀ TAR-
RIĊERKA^{1,2}**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

FILWAQT LI JFAKKAR

- Fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Karta Ewropea għar-Riċerkaturi³, li tistabbilixxi l-bażi għal prattiki etiċi u prinċipji etiċi fundamentali għal riċerkaturi u organizzazzjonijiet relatati biex jaġixxu b'mod responsabbli fi ħdan l-ambjent tax-xogħol tagħhom;
- Ir-rispett lejn il-prinċipji etiċi fundamentali u l-integrità fl-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni tal-UE, kif jikkonformaw magħhom l-attivitajiet koperti minn Orizzont 2020 - Il-Programm Qafas tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni⁴;
- Ir-rispett lejn il-libertà akkademika u r-riċerka xjentifika ħielsa mir-restrizzjonijiet, kif minqux fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;
- Il-“Kodiċi ta' Kondotta Ewropea għall-Integrità tar-Riċerka”⁵ żviluppata mill-Fondazzjoni Ewropea tax-Xjenza (ESF) u l-All European Academies (ALLEA);

¹ PL: Riżerva ta' skrutinju ġenerali.

² For the purposes of these conclusions, research integrity relates to the performance of research to the highest standards of professionalism and rigour, and to the accuracy, objectivity and truth of the research record in publications and elsewhere. Good research practice includes research ethics in the proposal and experimentation phase, as well as publication ethics in its analysis and dissemination (main source: Irish Universities Association -www.iaa.ie- and Royal Irish Academy -www.ria.ie-).

³ 7321/05.

⁴ Regulation (EU) No 1291/2013 of the European Parliament and of the Council of 11 December 2013 establishing Horizon 2020 - The Framework Programme for Research and Innovation (2014-2020).

⁵ Il-Kodiċi ta' Kondotta Ewropea għall-Integrità tar-Riċerka (ESF u ALLEA, 2011), hija disponibbli fuq http://www.esf.org/fileadmin/Public_documents/Publications/Code_Conduct_ResearchIntegrity.pdf

L-integrità tar-riċerka bħala element ewlieni għall-eċċellenza fir-riċerka u r-rilevanza soċjoekonomika

1. JIKKUNSIDRA l-integrità tar-riċerka bħala l-bażi ta' riċerka ta' kwalità u bħala prerekwiżit biex tintlaħaq l-eċċellenza fir-riċerka u l-innovazzjoni fl-Ewropa u lil hinn minnha. JISĦAQ fuq l-importanza tar-riċerka u l-innovazzjoni bbażati fuq il-libertà u l-integrità akkademika bħala element essenzjali għal bażi tal-għarfien affidabbli li twassal għal żvilupp u progress soċjoekonomiku kif ukoll għal titjib fl-istandards tal-ħajja, fis-saħħa u fil-benesseri taċ-ċittadini;
2. JIRRIKONOXXI ż-żieda fil-produzzjoni u d-diffużjoni xjentifika mad-dinja kollha u, f'dan il-kuntest, JENFASIZZA l-importanza ta' prattika tajba matul l-istadji kollha taċ-ċiklu tar-riċerka u l-innovazzjoni;
3. JIRRIKONOXXI l-importanza ta' xjenza miftuħa bħala mekkaniżmu biex tissaħħaħ l-integrità tar-riċerka, filwaqt li, fl-istess ħin, l-integrità tar-riċerka tikkontribwixxi għal xjenza miftuħa;

L-impatt soċjoekonomiku tal-iskorrettezza fir-riċerka u l-prevenzjoni tagħha

4. JIRRIKONOXXI li l-integrità kemm fir-riċerka pubblika kif ukoll privata tista' ssirilha ħsara minħabba l-iskorrettezza fir-riċerka⁶ u JIRRIKONOXXI li l-iskorrettezza fir-riċerka, inklużi prattiki ta' riċerka dubjużi, jistgħu jwasslu għal impatt u spejjeż ekonomiċi konsiderevoli kemm għas-settur pubbliku kif ukoll privat, u jkollhom konsegwenzi għal:
 - a) *L-individwi u s-soċjetà*: riżultati foloz jew prodotti jew proċessi mhux sikuri tar-R&I jistgħu jiġu rilaxxati jew isiru pubbliċi u aċċettati b'mod wiesa' mill-komunità jew minn xjenzati oħra b'konsegwenzi serji, inkluż it-tfixkil tal-progress xjentifiku;

⁶ Research misconduct is understood as breaches of research integrity. Research misconduct includes fabrication, falsification, plagiarism (FFP) or misappropriation in proposing, performing, or reporting of results and other questionable research practices, because these violations damage the research record (main source: OECD (2007): "Best practices for ensuring scientific integrity and preventing misconduct").

- b) *Politiki pubbliċi*: data jew pariri mhux affidabbli jistgħu jwasslu għal tfassil tal-politika li ma jkunx;
 - c) *Istituzzjonijiet pubbliċi*: il-kapaċitajiet istituzzjonali li titrawwem u tiġi promossa r-riċerka b'mod kompetenti u responsabbli jistgħu jiġu mminati;
 - d) *Fiduċja pubblika*: l-iskorrettezza fir-riċerka u l-użu ħażin ta' fondi pubbliċi jistgħu jwasslu għat-tnaqqis fil-fiduċja u fl-appoġġ tal-pubbliku għax-xjenza, u b'hekk jipperikolaw is-sostenibbiltà tal-finanzjament tar-R&I;
5. JIKKUNSIDRA li, filwaqt li tiġi rispettata l-libertà akkademika, ir-responsabbiltà primarja għall-integrità tar-riċerka hija tar-riċerkaturi nnifishom, b'responsabbiltà ġenerali li teżisti wkoll fuq livell istituzzjonali; Konsegwentement, JAPPELLA għat-trawwim ta' kultura istituzzjonali ta' integrità tar-riċerka sabiex jinħolqu, primarjament permezz ta' regoli istituzzjonali ċari, proċeduri u linji gwida kif ukoll taħriġ u gwida bbażati fuq l-iskambju tal-aħjar prattika, klima li fiha l-imġiba responsabbli hija mistennija fuq livell individwali u istituzzjonali;
6. JENFASIZZA l-ħtieġa ta' miżuri għall-prevenzjoni u l-indirizzar tal-iskorrettezza fir-riċerka, inklużi prattiki tar-riċerka dubjużi; JISTIEDEN lill-organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-Istati Membri jsibu kanali xierqa għall-eżami tal-allegata skorrettezza minn riċerkaturi u, fejn xieraq, istituzzjonijiet fejn issir skorrettezza fir-riċerka; u JENFASIZZA r-rwol li jista' jkollhom l-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja fl-istadji differenti tal-karrieri tar-riċerkaturi f'dan ir-rigward;

Il-promozzjoni tal-integrità tar-riċerka fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri

7. JAQBEL dwar il-valur u l-vantaġġi tal-promozzjoni tal-integrità tar-riċerka fuq livell individwali u istituzzjonali u JIKKUNSIDRA li r-riċerka fil-livell tal-UE u tal-Istat Membri għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji elenkati fil-“Kodiċi ta' Kondotta Ewropea għall-Integrità tar-Riċerka” żviluppata mill-Fondazzjoni Ewropea tax-Xjenza (ESF) u l-All European Academies (ALLEA), kif ġej:
- Onestà;
 - Affidabbiltà;
 - Oġġettività;
 - Imparzialità u indipendenza;
 - Komunikazzjoni miftuħa;
 - Dmir ta' diliġenza;
 - Korrettezza;
 - Responsabbiltà għall-ġenerazzjonijiet xjentifiċi futuri;
8. JISĦAQ fuq il-ħtieġa tal-implimentazzjoni ta' prinċipji ta' integrità tar-riċerka bħala garanzija ta' riċerka ta' kwalità fl-Ewropa filwaqt li jiġi evitat piż amministrattiv addizzjonali; f'dan ir-rigward, JIRRIKONOXXI l-isforzi mwettqa mill-komunità xjentifika, inklużi l-partijiet konċernati taż-ŻER u organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn, kif ukoll l-awtoritajiet rilevanti nazzjonali fl-appoġġ għall-implimentazzjoni ta' prinċipji u kodiċijiet eżistenti;
9. JILQA' l-applikazzjoni mill-Kummissjoni tal-"Kodiċi ta' Kondotta Ewropea għall-Integrità tar-Riċerka" fl-Orizzont 2020, u JAPPELLA għall-applikazzjoni konsistenti tal-Kodiċi fir-riċerka ffinanzjata mill-UE;

10. JISTIEDEN lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jippromwovu n-netwerks eżistenti tal-integrità tar-riċerka, bħan-Netzwerk Ewropew ta' Uffiċċji ta' Integrità tar-Riċerka (ENRIO), inklużi attivitajiet ta' taħriġ ibbażati fuq il-prinċipju ta' "ħarreġ lil min iħarreġ" biex joqorbu lejn livell ogħla ta' konsistenza tal-prattiki tal-integrità tar-riċerka fl-Ewropa;
11. JISTIEDEN lill-Istati Membri, b'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni, biex iżidu l-isforzi fuq l-eżerċizzji tagħhom ta' tagħlim reċiproku, inkluż fil-qafas tal-Kumitat taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u tal-Innovazzjoni (KŻER) kif ukoll għodda tal-Faċilità ta' Appoġġ għall-Politika tal-Orizzont 2020; JINKORAGĪXXI l-iskambju tal-aħjar Prattiki fil-qasam tal-integrità tar-riċerka bħal fl-attivitajiet relatati mal-edukazzjoni, inklużi programmi ta' dottorat u dawk ta' taħriġ tul il-ħajja rilevanti, kif ukoll fil-promozzjoni ta' tibdil istituzzjonali;
12. JAPPELLA lill-Istati Membri, il-finanzjaturi tar-riċerka u l-komunità tar-riċerka biex flimkien jesploraw modi li jnaqqsu l-inċentivi għal-iskorrettezza fir-riċerka, b'iffokar fuq inċentivi pożittivi għall-promozzjoni tal-kwalità tar-riċerka u biex fuqhom jiżviluppaw linji gwida ħalli jindirizzaw l-iskorrettezza;
13. JAPPELLA lill-atturi kollha involuti, inklużi r-riċerkaturi individwali, il-komunità ta' riċerka, l-organizzazzjonijiet tat-twertiq tar-riċerka u dawk ta' finanzjament tar-riċerka, l-awtoritajiet pubbliċi u l-edituri tal-ġurnali xjentifiċi, sabiex jiddefinixxu u jimplimentaw politiki biex jippromwovu l-integrità tar-riċerka u tiġi evitata u indirizzata l-iskorrettezza fir-riċerka, inklużi Prattiki ta' riċerka dubjużi.